

Brussell, 1 ta' April 2026
(OR. en)

7899/26

DENLEG 26
FOOD 35
SAN 197

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	30 ta' Marzu 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D111626/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tad-delta-9-tetraidrokannabinol (Δ 9-THC) fil-weraq tal-qanneb għall-infużjoni tal-ilma u għall-infużjonijiet tal-weraq tal-qanneb

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D111626/02.

Mehmuż: D111626/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2023/1981 D111626/02
[...] (2025) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tad-delta-9-tetraidrokannabinol (Δ^9 -THC) fil-weraq tal-qanneb għall-infużjoni tal-ilma u għall-infużjonijiet tal-weraq tal-qanneb

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tad-delta-9-tetraidrokannabinol (Δ^9 -THC) fil-weraq tal-qanneb għall-infużjoni tal-ilma u għall-infużjonijiet tal-weraq tal-qanneb

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/915² jistabilixxi l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.
- (2) Fl-2015, il-Bord dwar Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel (il-Panel CONTAM) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adotta opinjoni xjentifika dwar ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem relatati mal-preżenza tat-tetraidrokannabinol (THC) fil-ħalib u f'ikel ieħor ta' oriġini mill-annimali³. It-THC, aktar preċiż Δ^9 -THC, huwa l-kostitwent l-aktar relevanti tal-pjanta tal-qanneb *Cannabis sativa*. Il-Bord CONTAM stabbilixxa doża akuta ta' referenza (DAR) ta' 1 μg Δ^9 -THC/kg f'piż tal-ġisem (bw, body weight).
- (3) Sabiex tinkiseb aktar data dwar il-preżenza ta' Δ^9 -THC fl-ikel derivat mill-qanneb u fl-ikel li fih il-qanneb jew ingredjenti derivati mill-qanneb, ġiet adottata r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2115⁴.
- (4) Fis-7 ta' Jannar 2020, l-Awtorità ppubblikat rapport xjentifiku li jivvaluta l-esponiment akut uman għal Δ^9 -THC⁵, filwaqt li qieset id-data dwar l-okkorrenza ġġenerata permezz tar-Rakkomandazzjoni (UE) 2016/2115. Id-DAR ta' 1 $\mu\text{g}/\text{kg}$ bw inqabżet f'ċerti stimi ta' esponiment akut. Minkejja li l-istimi ta' esponiment mistennija jistmaw b'mod eċċessiv l-esponiment akut għal Δ^9 -THC fl-Unjoni, l-esponiment attwali għal Δ^9 -THC jitqies bħala tħassib potenzjali għas-saħħa.

¹ ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1993/315/oj>.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/915/oj>).

³ European Food Safety Authority (EFSA) Journal 2015;13(6):4141

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2115 tal-1 Diċembru 2016 dwar il-monitoraġġ tal-preżenza ta' Δ^9 -tetraidrokannabinol, tal-prekursuri tiegħu u ta' kannabinojdi oħra fl-ikel (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 103, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2016/2115/oj>).

⁵ EFSA (European Food Safety Authority), Arcella D, Cascio C and Mackay K, 2020. Acute human exposure assessment to tetrahydrocannabinol (Δ^9 -THC). EFSA Journal 2020;18(1):5953, 41 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5953>

- (5) Ġew stabbiliti l-livelli massimi għas-somma ta' Δ^9 -THC u Δ^9 -THCA, espressa f'ekwivalenti ta' Δ^9 -THC, fiż-żrieragħ tal-qanneb u fil-prodotti derivati miż-żrieragħ tal-qanneb bir-Regolament (UE) 2023/915 biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.
- (6) Peress li, kif iddikjarat fil-Katalgu tal-istatus tal-Ikel Ġdid, l-infużjoni tal-ilma tal-weraq tal-qanneb (meta ma tkunx akkumpanjata minn għejun tal-fjuri u tal-frott) ikkunsmata bħala tali jew bħala parti minn infużjonijiet erbali mhijiex ġdida⁶ u ma teħtieġx awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, jixraq li jiġi stabbilit ukoll livell massimu għas-somma ta' Δ^9 -THC u Δ^9 -THCA, espressa f'ekwivalenti ta' Δ^9 -THC, fil-weraq tal-qanneb għall-infużjoni tal-ilma u fl-infużjonijiet tal-weraq tal-qanneb (infużjoni erbali lesta biex tinxtorob) biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.
- (7) Il-livell massimu ma jqisx il-konsum tal-infużjonijiet tal-weraq tal-qanneb mit-trabi u mit-tfal żgħar. Għalhekk jixraq li jkun hemm twissija fuq it-tikketta li l-infużjoni tal-ilma ppreparata jenħtieġ li ma tiġix ikkunsmata mit-trabi u mit-tfal żgħar. Barra minn hekk, il-livell massimu jqis il-migrazzjoni limitata ta' Δ^9 -THC u Δ^9 -THCA mill-weraq għall-infużjoni tal-ilma minħabba li Δ^9 -THC u Δ^9 -THCA huma lipofiliċi. Peress li l-migrazzjoni tiżdied b'mod sinifikanti billi jiżdied ingredjent xaħmi matul il-maċerazzjoni, bħal krema jew ħalib, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta t-twissija li l-ingredjent xaħmi għandu jiżdied biss wara t-tgħaddis.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/915 jiġi emendat kif xieraq.
- (9) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jħejju għar-regoli l-ġodda dwar il-weraq tal-qanneb għall-infużjoni tal-ilma u għall-infużjonijiet tal-weraq tal-qanneb (infużjoni erbali lesta biex tinxtorob), jixraq li jiġi previst żmien raġonevoli sakemm japplikaw ir-regoli l-ġodda. Jixraq ukoll li jiġi previst perjodu tranżizzjonali għall-ikel li fih id-delta-9-tetraidrokannabinol (Δ^9 -THC), li ġie introdott fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/915 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 10(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-fażi introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-ikel introdott legalment fis-suq qabel id-dati msemmija fil-punti minn (a) sa (t) jista' jibqa' fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta għandu jintuża.”;

⁶ Novel Food status Catalogue https://food.ec.europa.eu/food-safety/novel-food/novel-food-status-catalogue_en.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2283/oj>).

(b) jizzied il-punt (t) li ġej:

“(t) l-1 ta’ Jannar 2027 fir-rigward tal-livelli massimi għas-somma ta’ Δ^9 -THC u Δ^9 -THCA, espressa f’ekwivalenti ta’ Δ^9 -THC, stabbiliti fil-punti 2.6.4 u 2.6.5 tal-Anness I”

(2) L-Anness I huwa emendat f’konformità mal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN